

**Sentenza tal-Qorti Ġenerali (It-Tielet Awla) tas-26 ta' Marzu 2010 —
Proges vs Il-Kummissjoni**

(Kawża T-577/08)

“Kuntratti pubbliċi għal servizzi — Proċedura ta’ sejħa għal offeriti Komunitarja — Programm ta’ ħolqien ta’ mudelli għall-użu tat-territorji — Ċaħda tal-offerta ta’ offerent — Rikors għal annullament — Interess ġuridiku — Ammissibbiltà — Kriterji għall-għoti”

- 1. Proċedura — Rikors promotur — Rekwiżiti proċedurali — Identifikazzjoni tas-suġġett tal-kawża — Rikors għall-kumpens għad-danni allegatament ikkawżati minn istituzzjoni Komunitarja — Sunt tal-motivi invokati — Assenza — Inammissibbiltà (Regoli tal-Proċedura tal-Qorti Ġenerali, Artikolu 44(1)(ċ)) (ara l-punti 20-28)*
- 2. Kuntratti pubbliċi tal-Komunitajiet Ewropej — Konklużjoni ta’ kuntratt wara sejħa għal offeriti — Setgħa diskrezzjonali tal-istituzzjonijiet — Stħarriġ ġudizzjarju — Limiti (ara l-punt 36)*

Suġġett

Talba għall-annullament tad-Deċiżjoni tal-Kummissjoni, tad-29 ta’ Ottubru 2008, li tirrifjuta l-offerta sottomessa mir-rikorrenti fil-kuntest ta’ sejħa għal offeriti dwar l-implementazzjoni ta’ programm ta’ ħolqien ta’ mudelli għall-użu tat-territorji ,kif ukoll talba għall-kumpens għad-dannu subit mir-rikorrenti.

Dispożittiv

1) Ir-rikors huwa miċħud.

II - 46*

- 2) Proges — Proġetti di sviluppo Srl hija kkundannata tbatl l-ispejjeż tagħha kif ukoll dawk tal-Kummissjoni Ewropea.

**Digriet tal-President tal-Qorti Ġenerali tas-26 ta' Marzu 2010 —
SNF vs ECHA**

(Kawża T-1/10 R)

“Proċeduri għal miżuri provviżorji — REACH — Identifikazzjoni tal-akrilamidu bħala sustanza ta' tħassib serju ħafna — Talba għas-sospensjoni tal-eżekuzzjoni u għal miżuri provviżorji — Nuqqas ta' urġenza”

1. *Proċeduri għal miżuri provviżorji — Sospensjoni tal-eżekuzzjoni — Miżuri provviżorji — Kundizzjonijiet għall-ġħoti — Fumus boni juris — Urġenza — Dannu gravi u irreparabbli — Natura kumulattiva (Artikoli 278 TFUE u 279 TFUE; Regoli tal-Proċedura tal-Qorti Ġenerali, Artikolu 104(2)) (ara l-punti 21-24)*
2. *Proċeduri għal miżuri provviżorji — Sospensjoni tal-eżekuzzjoni — Miżuri provviżorji — Kundizzjonijiet għall-ġħoti — Urġenza — Dannu gravi u irreparabbli — Oneru tal-prova (Artikoli 278 TFUE u 279 TFUE; Regoli tal-Proċedura tal-Qorti Ġenerali, Artikolu 104(2)) (ara l-punti 47, 48, 66, 67)*

Suġġett

Talba għas-sospensjoni tal-eżekuzzjoni tad-deċiżjoni li tidentifika l-akrilamidu bħala sustanza ta' tħassib serju ħafna allegatament adottata mill-Aġenzija Ewropea għas-Sustanzi Kimiċi (ECHA) fis-7 ta' Diċembru 2009 skont l-Artikolu 59 tar-Regolament (KE) Nru 1907/2006 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, tat-18 ta' Diċembru 2006, dwar ir-reġistrazzjoni, il-valutazzjoni, l-awtorizzazzjoni u r-restrizzjoni ta' sustanzi kimiċi (REACH), li jstabbilixxi Aġenzija Ewropea għas-Sustanzi Kimiċi, li jemenda d-Direttiva 1999/45/KE u li jħassar ir-Regolament (KEE) Nru 793/93 tal-Kunsill u r-Regolament (KE) Nru 1488/94 tal-Kummissjoni kif ukoll id-Direttiva 76/769/KEE